MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru 155/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONELLO**
**SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI**
**VS**
**CARMEL SIVE CHARLES VELLA**
**LOUIS VELLA**
**MATTHEW VELLA**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Carmel sive Charles Vella ta’ 26 sena, bin Calcidon u Maria Assunta nee’ Muscat, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Gunju 1976, residenti Gagu Flats, Flat 2, Naxxar Road, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 377776(M); Louis Vella ta’ 25 sena, bin Calcidon u Maria Assunta nee’ Muscat, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Mejju 1977, residenti Gagu Flats, Flat 4, Naxxar Road, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 341677(M); u Matthew Vella ta’ 15-il

sena, bin Calcidon u Maria Assunta nee' Muscat imwieled Pieta' fl-24 ta' Lulju 1987, residenti Gagu Flats, Flat 2, Naxxar Road, San Gwann u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 333687(M).

Illi huma akkuzati talli fl-10 ta' Frar 2003, ghall-habta tal-5:45p.m. gewwa l-Isptar San Luqa – G'Mangia bil-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja ta' l-ahwa Richard, Robert u Bettega Cuschieri f'periklu car wrew dan il-hsieb b'atti esterni billi tawhom diversi daqqiet bi strument li jaqta' u bil-ponta u ponn tal-hadid liema delitt ma giex segwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom;

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi kkagunaw feriti ta' natura gravi lill-imsemmi Richard Cuschieri bi strument li jaqta' u bil-ponta skond kif iccertifika Dr. Anthony Spiteri M.D. u Dr. Conrad Borg M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Bettega Cuschieri bi strument li jaqta' u bil-ponta skond kif iccertifika Dr. Andrew Mercieca M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Robert Cuschieri bi strument li jaqta' u bil-ponta skond kif iccertifika Dr. Malcolm Borg M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara fil-*canteen* ta' l-Isptar San Luqa, G'Mangia, liema hsara ma tiskorriex il-hamsin Lira Maltin ghad-detriment ta' Salvu Borg;

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-buon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied;

<u>Louis Vella u Matthew Vella wahedhom</u>:

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Charles Vella u Louis Vella wahedhom:

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi zammew u garrew fuqhom ponn tal-hadid minghajr il-permess relattiv;

Matthew Vella wahdu:

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi hebb ghall-P.C. 1093 James Cardona u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Anthony Gatt M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Talli fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-imsemmi P.C. 1093 li huwa persuna inkarigata minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Fl-ahhar talli Carmel sive Charles Vella kiser il-provediment tas-sentenza sospiza ta' sentejn habs li gew sospizi ghall-erba snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 28 ta' Frar 2002.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati (ara fol.407 u 408);

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 2007 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Spettur Bonello (a fol.29 et seq.) xehed illi fl-10 ta' Frar 2003, ghal habta tas-sitta ta' wara nofsinhar (6:00p.m.), kienu gew infurmati illi kienet sehhet glieda fil-*canteen* ta' l-Isptar San Luqa, ghaldaqstant accedew fuq il-post, hu, flimkien ma' l-Ispettur Miruzzi u sabu illi din il-glieda kienet qed issehh bejn membri tal-familja ta' Vella u membri tal-familja ta' Cuschieri. F'dan l-incident kien hemm Pulizija PC 1093 illi kien gie ferut b'daqqa ta' mus. Infethet inkjesta.

Spettur Miruzzi (a fol.31) xehed illi huwa wkoll gie nfurmat bil-glieda li sehhet fil-*canteen* ta' l-isptar minn PC 305 Alfred Gauci illi kien *patrol,* flimkien ma' PC 1093, li t-tnejn accedew immedjatament l-isptar San Luqa biex jintervjenu u jikkalmaw is-sitwazzjoni. L-Ispettur Miruzzi xehed illi PC 1093, fil-fatt, gie milqut bi strument li jaqta' u bil-ponta, probabilment mus jew sikkina u li kien qed jinzamm l-Isptar San Luqa. PC 305 Gauci, wkoll kien infurmah li kien hemm zewg persuni arrestati, li kienu nvoluti f'din il-glieda u cioe l-imputati Matthew Vella u Charles Vella. Dawn inzammu separati sabiex il-provi ma jigux iltralcati.

Il-Magistrat ta' l-Ghassa gie nfurmat u nfethet inkjesta u gew mahtura diversi esperti. Il-Pulizija saru jafu illi Louis Vella kien ukoll involut f'din il-glieda u ghaldaqstant, it-tliet ahwa Vella gew investigati. Matthew u Louis Vella ghazlu li ma jirrispondux ghal ebda domanda illi gew mistoqsija, filwaqt illi Charles Vella ghazel li jirrispondi xi domandi.

Spettur Miruzzi nforma lil Qorti illi t-tlett imputati ma kellhomx licenza biex igorru jew izommu skieken jew ponnijiet tal-hadid (ara Dok.AM1, Dok.AM2 u Dok.AM3 minn fol.42 sa fol.44). Spettur Miruzzi xehed illi PC 305 kien eleva mus li giet ezebita fl-inkjesta u gie wkoll

mitkellem Richard Cuschieri, l-kwerelant fil-kawza odjerna. Richard Cuschieri nforma lil Pulizija illi hu kien mizzewweg ma' oht l-imputati, cioe Charlone Cuschieri u li fit-8 ta' Frar, u cioe jumejn qabel, huwa kien refa' idejh fuqha, allavolja hija kienet fi gravidanza avanzata u dan l-incident kompla xi sieghat wara, fejn il-kwerelant Cuschieri kien ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija li Calcidonio Vella kien hebb ghalih b'sikkina u li din is-sitwazzjoni zvilluppat aktar tard fl-10 ta' Frar, f'incident bejn il-familjari Cuschieri u l-familjari Vella fejn intuzaw skieken jew imwies u ponnijiet tal-hadid. Cuschieri jghid illi kienu l-familja Vella illi agredietu.

In kontro ezami, Spettur Miruzzi xehed illi huwa ma kellimiex lil Charlone Cuschieri, il-ghaliex din giet mitkellma mill-Ispettur Bonello, pero' kkonferma illi Charlone Cuschieri kellha seba' (7) xhur tqala. In kontro ezami, l-Ispettur Miruzzi xehed illi rrizultalu illi l-familja Cuschieri kienu numeruzi hafna u cioe kienu erba' (4) irgiel u xi erba' (4) nisa u, allegatament, kienu qeghdin l-isptar halli jaraw lil nanniethom illi kienet rikoverata hemmhekk. Jirrizulta wkoll illi Charlone Cuschieri, bix-xeba illi qalghet minghand Richard Cuschieri, kienet ukoll rikoverata l-isptar (ara xhieda a fol.36). Spettur Miruzzi kkonferma illi rrizultalu illi l-imputati u cioe hut Charlone Cuschieri, kienu marru l-isptar sabiex jinvistaw lil ohthom illi kienet imwerwra mir-ragel taghha. L-Ispettur Miruzzi kkonferma illi l-familja Cuschieri ma marrux l-isptar halli jaraw lil Charlone Cuschieri, izda marru l-isptar halli jaraw lil nannithom (ara xhieda a fol.38). Hut Richard Cuschieri u cioe Robert u Bettega, kienu gew feruti f'dan l-incident. Robert kellu lacerazzjoni fuq in-naha tax-xellug ta' dirghajh, waqt li Bettega kellu lacerazzjoni fuq il-parti ta' bejn daharu u l-ispalla (ara xhieda a fol.40) u Richard Cuschieri wkoll kellu diversi daqqiet fuq il-parti ta' wara tar-ras.

Il-process verbal gie mmarkat u ezebit bhala Dok.MC

Dr. Mercieca (a fol.47 et seq.) ikkonferma illi huwa kien fil-*Casualty Unit* ta' l-isptar San Luqa u li kien ezamina lil Bettega Cuschieri li kellu ticrita fuq spalltu fuq in-naha ta'

wara, ghaxar (10) centimetri fit-tul u ticrita wkoll fil-muskolu u kellu bzonn ghoxrin punt. Dr. Mercieca kkonferma illi din il-lacerazzjoni kienet saret permezz ta' strument illi jaqta'. Ikkonferma c-certifikat ezebit a fol.83 tal-process verbal u kkonferma wkoll il-klassifikazzjoni tal-griehi cioe "*slight save complication"* (ara xhieda a fol.49). Dr. Mercieca kkonferma illi kien ra lil Bettega Cuschieri l-gurnata ta' wara u l-gerha kienet qed tfieq bi progress sodisfacenti. Dr. Mercieca kkonferma x-xhieda illi huwa ta fl-inkjesta.

Dr. Konrad Borg (a fol.53) xehed illi huwa kien ezamina lil Richard Cuschieri fl-10 ta' Frar, fl-Emergenza ta' l-isptar San Luqa u dana kellu lacerazzjonijiet f'rasu:

*"fl-iscalp, multiple, kellu xi tmienja, kollha within the hairline."*

Ittiehdu diversi X-rays pero' ma nstab xejn, la fl-*iskull* u lanqas fl-ispina. Ttehidlu CT Scan, u rrizulta illi kellu ksur fil-*maxxella,* illi hija ghadma fil-wicc fuq il-lemin. Dr. Borg ma setghax jghid jekk kemm-il darba l-lacerazzjonijiet kienux twettqu bi strument illi jaqta' jew kienx rizultat ta' *blunt trauma*. Ikkonferma c-certifikat mediku tieghu Dr.KB (a fol.82 tal-process verbal) u kklassifika l-griehi bhala *grievious* perdurata. Wara li nqratlu x-xhieda illi ta fl-inkjesta, Dr. Borg ikkonfermaha.

Dr. Malcolm Borg (a fol.57) Senior House Officer fl-Emergenza, ikkonferma illi huwa wkoll kien ezamina lil Robert Cuschieri fl-10 ta' Frar 2003 u sab illi kien qieghed isofri minn ferita fuq in-naha tal-lemin ta' rasu, *temporal area,* twila xi *ghaxar (10)* centimetri izda ma kienx hemm *fractures.* Kien hemm ukoll zewg feriti fuq dirghajh, fuq in-naha tax-xellug, quddiem u wara, li kienu jirrikjedu l-punti. Dr. Malcolm Borg ikkonferma c-certifikat tieghu (a fol.84 tal-process) immarkat bhala Dok.MB. Huwa kklassifika l-griehi ta' Robert Cuschieri bhala *slight save complications*. Giet moqrija lilu wkoll ix-xhieda illi huwa ta fl-inkjesta (a fol.24) u kkonfermaha.

PS 86 Anthony Lia, xehed illi fl-10 ta' Frar 2003 huwa kien gie nfurmat illi kien wegga' kollega tieghu, f'incident fil-*canteen* ta' l-isptar San Luqa u ghaldaqstant, flimkien ma' zewg Kuntistabbli ohra, kien acceda l-isptar u sab illi dan il-pulizija kien wegga' fuq spalltu, fuq in-naha tax-xellug u ta ordni illi z-zewg persuni illi kienu nvoluti f'din il-glieda jigu arrestati u biex jinzammu separati. Dawn it-tlieta kienu kollha mwegga' u kienu qeghdin l-isptar biex jiddewwew. Ezebixxa l-okkorrenza bhala Dok.PS1 illi tinstghab a fol.63 et seq.

Richard Cuschieri (a fol.68), xehed illi huwa kien qieghed fil-*canteen* ta' l-isptar, fl-10 ta' Frar 2003, flimkien ma' hutu u l-gharajjes ta' hutu u ommu. Dawn kienu Josephine Cuschieri, Bettega Cuschieri, Robert u Causio Cuschieri, Vanessa u tfajla ohra illi kienu gharrajjes ta' hutu. Waqt illi kien hemmhekk, huwa ra lil hut il-mara tieghu, cioe lil Charles u lil Matthew, ghaddejjin minn quddiem il-*canteen*, harsu lejn il-*canteen* u baqghu ghaddejjin. Richard Cuschieri xehed illi huma baqghu fil-*canteen* u f'hin minnhom kien dahal raprezentant ta' *Selective Travel* u qam ikellmu fuq kwistjoni ta' *insurance*, waqt illi hut il-mara tieghu (Charles u Matthew) dahhlu fil-*canteen* u bdew jghajjtu: *"X'qed taghmlu hawn?"* (ara xhieda a fol.69) Richard Cuschieri xehed illi l-familjari tieghu nfurmahom illi huma kienu qeghdin hemmhekk biex jaraw lin-nanna taghhom u; *"Minnufih bdew jghatu bil-ponn tal-hadid u bil-mus."* Richard Cuschieri (a fol.70) xehed illi kien Louis Vella li aggredieh billi tah daqqa fuq il-parti ta' wara ta' rasu; ***"Imbaghad bqajt naqla' minghandu got-toilets tan-nisa."*** Cuschieri (a fol.71) jghid li Louis Vella kellu ponn tal-hadid u beda jxejjirlu bil-ponn go rasu. Cuschieri xehed illi Charles Vella; ***"Ma rajtu jaghmel xejn jien. Kull ma rajt jiena, l-ponn f'idejn Louis u ponn u mus f'idejn Matthew. F'idejn Charlie ma rajt xejn."*** (ara xhieda a fol.72). **Ikkonferma illi Louis Vella wkoll kien laqtu go rasu bil-mus** (ara xhieda a fol.72). Cuschieri ezebixxa erba' (4) ritratti, cioe' Dok.RC1 sa Dok.RC4, illi juru l-griehi illi huwa garrab. Dawn ir-ritratti jinstghabu a fol.95 tal-process. Richard Cuschieri xehed illi waqt illi kien qed jigi msawwat minn Louis Vella, Louis Vella kien qed jghidlu; *"Il-ghala sawwatlu lil ohtu?"* (ara xhieda a

fol.73). Richard Cuschieri (a fol.76) xehed illi, ghal rigward ta' l-incident fil-Fuego, fejn kienet wegghat martu, kellu xi jghid u ggieled fizikament ma' Jesmond Mifsud, u li martu dahlet f'nofshom biex tifridhom; *"Issa jekk jiena lqatt lilha, jista' jkun wkoll."* Ikkonferma illi martu (oht l-imputati), **Charlone Cuschieri, kellha tittiehed l-isptar il-ghaliex; *"Ma kinitx qed thoss il-baby."*** (ara xhieda a fol.76) A fol.77, Richard Cuschieri jghid illi qabel ma dahhlu l-imputati kien hareg Robert Cuschieri mill-*canteen* u li hadd minn hutu ma kellu tazez tal-hgieg f'idejh jew oggett iehor, kellhom biss tazez tal-*plastic.* Mistoqsi jekk intefawx xi oggetti fid-direzzjoni ta' l-imputati, Richard Cuschieri xehed illi huwa ma tefa' xejn u ma ra xejn jintefa. **Mistoqsi jekk kemm-il darba kienx veru illi hu kien ta xeba sew lil martu u anka pprova jtajjar il-karozza, Richard Cuschieri ghazel li ma jwegibx**. A fol.82, jghid illi huwa ma kienx jaf lil familja ta' martu Charlone Cuschieri, kienet irrabjata ghalih (ara xhieda a fol.82) izda ftit wara jammetti illi kien jaf illi riedu jpattuwielu.

Mistoqsi (a fol.82 u fol.83), deherlux illi kien ikun aktar ghaqli, fl-isfond ta' kif graw l-affarijiet, li ma jersaqx lejn l-isptar in vista tal-fatt illi martu u l-familja taghha kienu rrabjati ghalih, Richard Cuschieri jirrispondi fin-negattiv. Mitlub jikkonferma **illi ma kinitx l-ewwel darba illi ta xeba' lil martu, Richard Cuschieri ghazel illi ma jwegibx.** Mitlub jghid jekk kienx veru illi l-mara tieghu kienet imwerwra minnu, l-isptar, u li hu kien mar l-isptar biss biex jaccerta ruhu illi hija ma kinitx ser taghmillu rapporti l-Ghassa tal-Pulizija, Richard Cuschieri ghazel li ma jwigibx. Mistoqsi jghid jekk kemm-il darba kienx veru illi dan, Mifsud, illi allegatament, kellu glieda mieghu, kienx, fil-fatt, hareg fin-nofs sabiex ma jhallix lil Richard Cuschieri jghaddi fuq martu bil-karozza tieghu, Richard Cuschieri, ghal darb'ohra, ghazel li ma jwegibx (ara fol.86). Wara diversi domandi (infatti fuq tlett (3) pagni ta' domandi), il-kwerelant Cuschieri jammetti illi l-mara tieghu kienet iddahlet l-isptar **qabel** ma ddahlet in-nanna tieghu. A fol.91, ikkonferma illi huwa qatt ma mar jara lil nanntu l-isptar wahdu. Dejjem kien fil-kumpanija ta' membri tal-familja tieghu.

In re-ezami, (a fol.91), Richard Cuschieri jikkonferma illi huwa kien mar akkompanjat ma' zewg (2) Pulizija fid-dar matrimonjali biex jiehu xi hwejjeg u kien hemm ukoll prezenti tlieta (3) minn hutha, nkluz Charlie Vella. Dan ta' l-ahhar beda jidghilu u jkellmu hazin tant li waqfuh il-Pulizija.

Bettega Cuschieri (a fol.96 et. seq.) ikkonferma illi huwa kien mar izur lil nanntu fl-10 ta' Frar 2003, flimkien ma' ommu Josephine, huh Causio u Robert, it-tfajla ta' Causio u Ritchie. Bettega Cuschieri xehed (a fol.97) illi huma kienu qeghdin bil-qegheda fil-*canteen* meta dahlu Louis, Charles u Matthew. Bettega Cuschieri xehed illi huwa qatt ma kellu xi jghid ma' l-imputati, illi dawn saqsewhom x'kienu qeghdin jaghmlu hemmhekk u ommhom kienet irrispondiet li kienu gew jaraw lin-nanna: *"U daqshekk naf jiena. Naf li qlajt daqqa ta' sikkina minn hawn wara u tlaqt 'il barra...jiena naf li Louis u Charlie, lili ma kellmunix* ***u gie Matthew minn warajja u taghni daqqa ta' sikkina fuq spalti."*** (ara xhieda a fol.98). ***"...mus kellu f'idejh biex taghni d-daqqa."*** (ara xhieda a fol.98). Bettega Cuschieri xehed illi t-tnejn l-ohra kellhom ponn tal-hadid zgur **pero' ma ghamlulu xejn lilu**. Bettega Cuschieri xehed illi huwa ra lil Charlie u lil Louis jigru wara Ritchie. Innota li qabel il-glieda, ghadda Charlie Vella minn quddiem il-*canteen* u li hu (Bettega) qam minn postu biex jittawwal fuq barra u ra lil Charlie hdejn il-*gate*. Illi wara ftit dahlu l-imputati u staqsewhom x'kienu qeghdin jaghmlu hemmhekk. Minnufih Matthew ifflikkja l-mus: *"Imbaghad sahnet ir-ras, speci ta', qabdu jaghtu qabdu jxejru bl-amment."*

Robert Cuschieri xehed illi kif bdiet il-glieda huwa pprova jghin lil huh Bettega imma kien kollu ghalxejn ghaliex spicca qala' daqqa ta' mus go idejh. Xehed illi kif qam rega' qala' daqqa ohra go rasu u mbaghad hareg jigri lejn l-*Emergency* ta' l-isptar. **Robert Cuschieri xehed illi huwa ra biss mus f'idejn Matthew u ma ra ebda ponn tal-hadid f'idejn hadd mill-ahwa Vella**, pero' ra lil Louis li kellu mus iehor f'idejh. Huwa xehed illi l-ewwel daqqa kien qalaghha Bettega minghand Matthew, illi huwa pprova jghin lil Bettega u spicca qala' daqqa ohra huwa stess (Robert). Ikkonferma Dok.RC (a fol.81 tal-process verbal)

illi hija skizz ta' kif kienu bil-qegheda l-familja Cuschieri fil-*canteen*. Robert xehed illi wara li skappa minn idejn Matthew, Bettega u Richard sparixxaw u huwa spicca f'kantuniera il-ghaliex Charlie Vella kien qed izommu hemmhekk u beda jtih bil-ponn u li qala' zgur aktar minn daqqa wahda. Robert Cuschieri ezebixxa ghaxar (10) ritratti (Dok.C1 sa Dok.C10) li jinstaghabu ezebiti a fol.127 tal-process. Robert xehed illi huwa kellu feriti fuq widnejh il-leminija. Robert Cuschieri xehed illi huwa ma jkellimx lil huh Richard Cuschieri il-ghaliex kien keccieh minn *garage* li kien qed juza u kien baghtlu ittra bl-avukat tieghu biex ma jkellmux u ghaldaqstant kienu ilhom ma jitkellmu xi seba' (7) xhur. Fil-fatt ma kienx jaf x'kien gara bejn Richard Cuschieri u martu. Robert Cuschieri stqarr illi Charles Vella tah daqtejn ta' ponn sew. A fol.121, Robert Cuschieri kkonferma x-xhieda illi huwa kien ta fil-kors ta' l-inkjesta, liema xhieda tinstaghab a fol.36 tal-process verbal.

Causio Cuschieri (a fol.128) ikkonferma illi kienu marru jaraw lil nanntu fl-10 ta' Frar 2003, flimkien ma' membri tal-familja tieghu u li kienu marru l-*canteen* ghax kien ghadu ma sarx il-hin ghal visti. Meta kienu fil-*canteen* kienu dahlu l-imputati u qalulhom x'kienu qeghdin jaghmlu hemmhekk u mbuttaw lil ommhom. Causio xehed illi ra lil Louis jiggieled ma' Richard u bdew mexjin lejn it-*toilets* tan-nisa u mbaghad huwa gibed lil ohtu Jeanette, lil Vanessa u Rittianne u harighom 'il barra. Imbaghad ra lil ommu li kienet ser taqla' daqqa u mar ghaliha. Xehed illi kien gie Louis fuqu u qallu: *"Issa int imiss,"* u telaq jigri 'l barra b'Louis jigri warajh. Causio kkonferma illi Louis ma kellu xejn f'idejh. Causio kkonferma illi huwa ma kellu xejn f'idejh, pero' ra tlett (3) imwies, u cioe mus f'idejn kull wiehed mit-tlett (3) imputati. Causio xehed illi huwa ma garrab ebda ferita u kkonferma illi hu u Richard ma tantx jitkellmu u jghidu biss bongu u sahha. Lanqas ma kien jaf li mart Richard Cuschieri kienet l-isptar. A fol.135, Causio Cuschieri kkonferma x-xhieda illi huwa ta fl-inkjesta. **Jirrizulta illi, fix-xhieda tieghu fl-inkjesta, Causio Cuschieri ma jsemmix imwies f'idejn Charlie Vella. A fol.139, jghid illi Matthew ma kellux ponn tal-hadid.** Causio kkonferma illi huma kienu qeghdin jixorbu u gew

servuti *soft-drink* fi flixken tal-hgieg, izda jghid illi f’ebda hin ma twaddbu xi flixken mill-familja Cuschieri. A fol.141, Causio Cuschieri rega’ sostna illi ra tlett (3) imwies, wiehed f’idejn kull wiehed mill-imputati. Rinfaccjat bil-fatt illi fix-xhieda tieghu fl-inkjesta huwa xehed illi kien jaf illi kien hemm l-inkwiet bejn Cuschieri u l-mara tieghu, Causio Cuschieri xehed illi dan kien sar jafu waqt illi l-familja kienu qeghdin jithadtu fil-*canteen*.

Josephine Cuschieri a fol.143, ikkonfermat illi hija kienet dahlet tara lil ommha l-isptar u kienu marru jistennew sakemm isir il-hin ghal viziti fil-canteen ta’ l-isptar u kienu gew fuqhom l-imputati. Hija xehedet illi rat wiehed minnhom b’mus f’idejh u ghaldaqstant qaltilhom: *“Ha nitlaq ‘il barra u qbadt lit-tifla u tlaqt ‘il barra.”* Hija xehedet illi dawn it-tlieta qabbdu jigru wara t-tfal taghha u hi harbet ‘il barra. **A fol.146, kkonfermat: *“Le lili ma missewnix.”*** Hija xehedet ukoll illi hija ma tafx min, mit-tlett (3) imputati, kellu l-mus f’idejh. Josephine Cuschieri xehedet illi hija ma kinitx taf bl-inkwiet illi kien hemm bejn Richard Cuschieri u martu, lanqas ma kienet taf illi hija kienet spiccat l-isptar. Xehedet illi din l-informazzjoni kienet saret tafha fil-Qorti.

Jeanette Cuschieri (a fol.149) kkonfermat illi hija kienet fil-*canteen* ta’ l-isptar San Luqa, flimkien mal-familja taghhom, il-ghaliex kienu marru jaraw lil nannithom, li kienu dahlu t-tlett (3) imputati u kif rat li kienu ser jaqbdu f’xulxin qabdet lil Ritianne Micallef u harget tigri ‘l barra. **Ma rat ebda arma f’id hadd, la mwies u lanqas ponnijiet tal-hadid**. Ftit wara hareg Causio Cuschieri warajjha u ommha.

Ritianne Micallef (a fol.154) ikkonfermat ix-xhieda ta’ Jeanette Cuschieri, fis-sens illi, huma kienu fil-*canteen* ta’ l-isptar San Luqa biex jaraw lin-nanna ta’ Causio Cuschieri, illi kienu dahlu t-tlett (3) imputati u qabdu jaghtu u li hija harget tigri ‘il barra. **Ma rat ebda arma, la skieken u lanqas ponnijiet tal-hadid. Lanqas ma rat lil xi hadd jitfa’ xi flixkun fid-direzzjoni ta’ haddiehor**. Fl-inkjesta, pero’, Ritianne Micallef xehedet is-segwenti: *“Fid-daqqa u l-hin, waqqghu xi flixken, bdew itiru s-siggijiet u l-imwejjed u gew fl-idejn.”* Ritianne Micallef, fl-inkjesta, kkonfermat illi

rat lil Bettega barra mill-*canteen* u li kien qalilhom illi kien qala' daqqa ta' mus u rat ukoll lil Causio hiereg 'il barra mill-*canteen* b'wiehed jigri warajh. Fl-ebda hin ma rat xi arma f'idejn xi hadd minnhom. Ikkonfermat illi l-ebda tazza jew flixkun ma gew mitfuha minn ebda wiehed miz-zewg familji u li l-flixken kienu semplicement waqghu minn fuq l-imwejjed fil-glieda li sehhet.

PC1093 James Cardona kkonferma illi huwa gie nfurmat illi kienet qed issehh glieda fil-*canteen* ta' l-isptar u ghaldaqstant mar biex jikkontrolla s-sitwazzjoni. Kif dahal fil-*canteen* ra konfuzjoni shiha, bl-imwejjed u s-siggijiet maqlubin u gemgha ta' tlett persuna u iehor f'rokkna, Ghaldaqstant qabad wiehed minnhom:

*"Qbadtu minn idejh u kif qbadtu taghni salt, dahar lejja u naf illi kellu bhal stallett jew sikkina u tahieli u laqatni fuq spallejja minn naha tax-xellug."*

Iddentifika lill-imputat Matthew Vella bhala l-persuna illi tah id-daqqa ta' sikkina:

***"Naf illi l-persuna bil-harsa ta' ghajnejh qisu nduna nahseb jien ghax ma basarx li Pulizija."*** (ara xhieda a fol.164).

PC 1093 Ikkonferma illi tnejn (2) mit-tlett (3) persuni illi ra fir-rokna kienu l-imputat Charles Vella u Matthew Vella. PC 1093 ikkonferma illi wara dan huwa kien dahal l-Emergenza fejn gie mdewwi, it-tobba kienu ghamlulu xi punti u ghamel xi jumejn/tlieta bis-*sickleave*. Ikkonferma x-xhieda illi huwa ta (a fol.21 tal-propess verbal). Ikkonferma c-certifikat mediku tieghu (Dok.JC) u qal illi l-feriti kienu *minor save complications*.

PC 305 Alfred Gauci kkonferma illi huwa u l-kollega tieghu kienu qeghdin fl-inhawi ta' l-isptar San Luqa, meta l-pubbliku gibidlu l-attenzjoni illi kienet qed issehh glieda fil-*canteen* ta' St.Luke's. Huma dahhlu halli jikkontrollaw is-sitwazzjoni u sabu diversi rgiel jiggieldu fil-*canteen*. Huwa xehed illi PC 1093 kien pass qablu, hataf lil wiehed minn dawn l-irgiel, li dahar fuqu u tah daqqa fuq in-naha tax-

xellug ta’ spalltu. Dan kien l-imputat Matthew Vassallo. Ikkonferma illi din id-daqqa kienet daqqa ta’ mus. Illi huma kkontrollaw is-sitwazzjoni u arrestaw lil Matthew u lil Charles Vella. **PC Alfred Gauci kkonferma illi l-imputat Charles Vella ma rah jaghmel xejn.** Ikkonferma wkoll illi **Matthew Vella, kif induna illi kien aggredixxa lil Pulizija, waqaf mill-ewwel u kkowopera mal-Pulizija.**

Spettur Mario Bonello (a fol.191) ezebixxa sentenza Dok.MB, fil-konfront ta’ l-imputat Charles Vella u iddentifikah.

Salvu Borg (a fol.203 et seq.), li jiggestixxi l-*canteen* ta’ l-isptar San Luqa, kkonferma illi kien hemm familja bil-qegheda fuq l-imwejjed fil-*canteen*, meta dahlu tlett (3) persuni: *“F’daqqa wahda bdew jiggieldu.”* **Ikkonferma illi hsarat ma kienx hemm il-ghaliex kienu waqghu biss xi flixken minn fuq l-imwejjed waqt il-glieda.** Ikkonferma illi wiehed mill-irgiel kien dahal hdejn it-*toilets* tan-nisa u gie segwit minn ragel iehor; ikkonferma x-xhieda moghtija fl-inkjesta.

PS 116 Richard Cauchi (a fol.206) xehed illi membru tal-Pulizija, mill-Iskwadra tal-ALE, safa mwegga, meta intervjena fi glieda fil-*canteen* ta’ San Luqa. Meta wasal fuq il-post, sab is-sitwazzjoni kontrollata u inghata struzzjoni biex jarresta lil Louis Vella. Ghamel tfittxija fuq iz-zewg karozzi tieghu u sab *wheel brace* fil-but ta’ wara tal-karozza, li kellu sustanza ta’ kulur ahmar fuqha. Din giet elevata u mghoddija lill-Ispettur Ellul tal-*Forensic Laboratory*. **Ma sab ebda mwies fit-tfittxija illi wettaq.**

**PC 1462 James Green ikkonferma x-xhieda ta’ PS 116 Richard Cauchi, l-arrest ta’ Louis Vella, it-tfittxija illi wettqu fil-karozzi ta’ Louis Vella u l-elevar tal-*wheel brace* mill-karozza ta’ l-istess imputat.**

**A fol.211, PC 48 Desmond Desira kkonferma li t-tlett (3) imputati ma kellhomx licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izommu jew igorru armi. PC 48 Desmond Desira (a fol.217) ikkonferma x-xhieda tieghu precedenti.**

Dr. Vincent Galea (a fol.220) ikkonferma r-rapport tieghu, ezebit fil-process verbal (a fol.11).

Dr. Adrian Spiteri (fol.229) ikkonferma li ezamina lil kwerelant Richard Cuschieri, fl-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa, fl-10 ta' Frar 2003 u qal illi Cuschieri kellu griehi f'rasu, sarlu CT Scan, li pero' ma sabx ksur ta' l-ghadam ta' l-iskutella tar-ras, izda jidher illi kien hemm ksur fil-parti leminija tal-maxxella. Kellu diversi lacerazzjonijiet fl-iskutella ta' rasu, li kienu jenhtiegu l-punti. Ikklassifika dawn il-griehi bhala gravi u kkonferma Dok.AS.

A fol.232, PC 1261 Charles Pace, ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok.CP a fol.234).

Dr. Anthony Gatt (a fol.240) ikkonferma illi huwa ezamina lil PC 1093, fl-10 ta' Frar u sab illi Cardona kien sofra minn ferita fuq il-*collarbone* tax-xellug. Din il-ferita ma ppenetrat ebda kavita' tal-gisem u x'aktarx kellha bzonn tlett punti. **Ikklassifika l-griehi bhala griehi minuri** u kkonferma c-certifikat tieghu, ezebit fil-process verbal a fol.85

Perit Valerio Schembri (a fol.245) ezebixxa Dok.VS, relazzjoni tieghu.

PS 964 Robert Scicluna ezebixxa Dok.RS (a fol.262) u pprezenta mitt (100) ritratt (Dok.RS1 sa Dok.RS100).

Robert Cardona (a fol.291) ezebixxa relazzjoni tieghu li tinstaghab a fol.293 immarkata bhala Dok.RC.

Spettur John Ellul, ikkonferma illi s-Surgent 116 ikkonsenjalu *chrome wheel brace* u ezebixxa ircevuta Dok.JE

Vanessa Azzopardi, l-gharusa ta' Bettega Cuschieri, (xehedet a fol.309) ikkonfermat li hija u l-familjari ta' l-gharus taghha kienu l-*canteen* ta' l-isptar, meta gew tlett (3) irgiel li kellmu lil Richard Cuschieri: *"F'daqqa wahda inqala hafna genn u xi hadd kaxkarni 'l barra."* (ara xhieda

a fol.309) Azzopardi gharfet lil Charles Vella u Louis Vella bhala tnejn (2) mit-tlett (3) irgiel li dahlu fil-*canteen* ta' l-isptar San Luqa. Vanessa Azzopardi xehedet illi hija saret taf, biss wara dan l-incident, illi kien hemm l-inkwiet bejn Ritchie u l-mara tieghu li kienet *pregnant* u li spiccat l-isptar minhabba x-xeba li kien taha zewgha Richard Cuschieri.

Roderick Grech (a fol.353) raprezentant ta' *Selective Travel*, ikkonferma illi fid-data ndikata fic-citazzjoni, waqt illi kien fil-*canteen* ta' l-isptar, jitkellem ma' Richard Cuschieri, inqala' hafna *panic*, storbju, ghajjat u glied u hu telaq jigri 'l barra. Ma seta' jaghraf lil ebda wiehed mill-imputati.

Dr. Livia Klembarova, ikkonfermat illi kienet rat lil Bettega Cuschieri fl-10 ta' Frar 2003 u kkonfermat illi l-gerha kienet fieqet minghajr infezzjoni. **Ikkonfermat illi l-griehi kienu ta' natura hafifa.**

A fol.384, Dr. Ramon Tonna, kkonferma illi ezamina lil Richard Cuschieri fid-19 ta' Dicembru 2006 fuq nomina ta' din il-Qorti, rigward ic-cikatrici fil-qurriegha tar-ras ta' l-istess Cuschieri. Ikkonferma illi c-cikatrici kollha kienu taht il-*hairline* u kienu kollha catti, maghluqa tajjeb, mfejjqin u li kienu kollha mghottija bix-xaghar fis-sens illi ma kienux vizibbli. Ghal rigward tal-gerha f'id Cuschieri, din ma hallet ebda sinjal vizibbli ta' cikatrici (ara xhieda a fol.384). Ikkonferma illi l-lacerazzjonijiet kollha kienu maghmulin bi strument illi jaqta' u ezebixxa Dok.RT, rapport tieghu.

Il-Qorti stabbiliet illi fuq il-persuna ta' Richard Cuschieri (a fol.393), ic-cikatrici fl-iskutella ta' rasu ma kienux jidhru assollutament **minkejja illi l-imputat ipprezenta ruhu b'xagharu imqarvez kompletament. Il-Qorti stabbilit illi l-griehi kienu ristretti ghal parti tar-ras illi hija kompletament mghottija bix-xaghar ta' l-imputat u li ma kien hemm ebda gerha vizibbli, la f'l-ghonq u lanqas fl-idejn ta' l-imputat.**

Louis Vella ta testimonjanza tieghu u kkonferma illi ohtu kienet mizzewga lil Richard Cuschieri u li kienu saru jafu

ricentement illi ohthom (Charlone) kienet qed tigi mahqura u msawwta minn zewgha Richard Cuschieri u li kienet ghamlet zmien twil tahbi dan l-istat ta’ fatt minn hutha u mill-genituri taghha. Huwa xehed illi l-familja tieghu kienet familja kwieta u dejjem ipprovaw jevitaw l-inkwiet. Ikkonferma wkoll illi ohtu (Charlone), dak iz-zmien, kienet fi gravidanza avanzata ta’ seba’ xhur u nofs. Sar jaf minghand huh, bis-swat fuq ohtu, u telghu jigru l-isptar fejn sabu lil ohthom imwerwra, b’ghajnejjha, xufftejjha u wiccha minfuh u mimli tbengil: ***“Wiccha minfuh blue.”*** Louis Vella xehed illi kif ra lil ohtu f’dak l-istat, hu nfaqa’ jibki u li hi talbitu biex ma jhallihiex wahedha. **Vella xehed illi huwa mar jigri l-Ghassa tal-Hamrun biex jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulzija an nom ta’ ohtu, izda l-Pulizija nfurmawh illi hija personalment, kellha taghmel dan ir-rapport u li l-Pulizija baqghu jinsistu mieghu, minkejja illi Louis Vella informa lil Pulzija illi Charlone Cuschieri ma setghetx ticcaqlaq mill-isptar ghaliex kienet fil-perikolu illi titlef it-tarbija.** Louis Vella xehed illi, fil-gimgha illi Charlone Cuschieri kienet l-isptar, **zewgha Richard kien imur l-isptar jirrikattaha halli tirranga mieghu**. Illi, in vista ta’ dan, Louis Vella u hutu kienu qeghdin jassiguraw illi ohthom ma tkunx wahedha fl-isptar u kienu jmorru l-*canteen* bejn il-visti sakemm jerga’ jinfetah il-hin ghal vizitaturi. Louis Vella xehed illi, meta dahlu l-*canteen*, raw il-familja kollha ta’ Cuschieri, li mhux is-soltu jkunu l-isptar. Louis Vella xehed illi kien jaf li Richard Cuschieri kien miggieled ma’ hutu kollha u ghaldaqstant meta raw lil familja Cuschieri maghquda, kkonkludew illi kienu qeghdin hemmhekk biex ibezzghu lil ohthom jew biex, addirittura, jsawtuha. Louis Vella xehed illi huwa ndirizza lil Richard Cuschieri bil-kliem: *“Lil ohti halliha ghax imbezza...anka minhabba t-tarbija”*. Cuschieri rrispondieh bil-kliem: *“Int tindahalx,”* u mbuttah u kien hemmhekk illi qabdu jiggieldu. Louis Vella xehed illi huwa qatt ma kien kellem lil Cuschieri u dana lanqas meta Cuschieri kien ikellem lil missieru (missier l-ahwa Vella) hazin il-ghaliex ma kienx tal-glied u kien anka izghar minnu. Louis Vella innega illi huwa qatt zamm mus jew xi ponn tal-hadid jew li dawn intuzaw f’dan l-incident. Louis Vella xehed illi l-ahwa Cuschieri kienu kollha miggildin ma’

xulxin izda kienu jinghaqdu meta jkunu ser imorru jiggieldu.

Charlone Cuschieri kkonfermat illi hija mizzewga ma' Richard Cuschieri, li minnu kellha zewgt itfal. Illi dan iz-zwieg kien falla il-ghaliex Richard Cuschieri kien ragel vjolenti u kien jezigi illi martu tobdi kull ordni tieghu minnufih u kien isawwatha bl-addocc kemm-il darba hija ma tobdihx mill-ewwel. Ikkonfermat illi kien regolarment jheddidha li ser joqtolha u jheddidha li jehodilha lit-tifla. Illi hija qatt ma kienet uriet b'xejn lil familjari taghha sa dan l-incident. Charlone Cuschieri xehedet illi jumejn qabel l-incident meritu ta' l-akkuza, ghalkemm kellha 'l fuq minn sitt (6) xhur tqala, zewgha baqa' jinsisti illi kellhom imorru d-diskoteka l-Fuego. Charlone xehedet illi zewgha intefa' jixrob mal-*bar*, 'il boghod minnha, u li wara xi hin ragel gie fuqha u beda jkellimha u hi qaltlu illi kienet hemmhekk ma' zewgha. Cuschieri ta ordni biex tmur hdejh u kien ser jibda jbusha quddiem in-nies u minhabba li kien xurban, hasilha bid-*drink*. Charlone sthat tibqa' fil-Fuego ghaliex kellha hwejjigha mxarrbin u baqghet tistenna lil zewgha barra mill-Fuego. Meta spicca jixrob, il-kwerelant hareg barra, cemplilha fuq il-*mobile* u qalilha li ser jghaddi ghaliha bil-*Pajero*. Illi x'hin kienet ser taqsam, gie bil-*Pajero* ghal fuqha tant illi hija kellha titla' z-zewg (2) bankini. Minn hemmhekk nizel ghaliha:

***"Kellu pistola huwa ghax dilettant. Ghadha ghandu zgur, pistola zghira u beda jaghmilieli ma' rasi qalli; 'jekk trid tghid xi haga jien noqtlok."***

Charlone xehedet illi hija, bil-biza' ntelqet u hemmhekk Richard Cuschieri taha daqqa ta' ponn armat bi tlett (3) icrieket go ghajnejha. Charlone Cuschieri xehedet illi huwa sawwatha anka fuq zaqqha u dana il-ghaliex, wara illi taha daqqa go ghajnejha, hi ma setghatx tara biex titla' gewwa l-*Pajero*. Illi fit-triq, hija bdiet tghidlu li ma kinitx qed thoss it-tarbija u Cuschieri wassalha sal-poliklinik. Cuschieri qal lil martu illi kellha tghid fil-poliklinik illi kienet qalet xeba minghand mara. Il-poliklinik irriferietha ghall-isptar. Waqt illi kienet l-isptar, Richard Cuschieri beda jhedded lil Charlone bil-kliem:

***"Ara ma tghidx xi haga lil ommok u lil missierek…ghax hazin ghalik…issa noqtlok, kif ghamiltlek, hekk…inkompli ntik."***

**Cuschieri qal lil martu li hu kien diga' mcappas bil-Qorti u biex tqis illi ma tghidx lil Pulizija.** Charlone Cuschieri xehedet illi l-ghada kien gie jinvistaha huha Louis Vella u beda jinsisti maghha li taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u hi bdiet tibza il-ghaliex, minkejja l-prezenza ta' security officers fl-isptar, **zewgha xorta kien jizgicca u jidhol jaraha bil-mohbi u jibqa' jheddidha.** Charlone Cuschieri xehedet fuq id-diversi okkazjonijiet fejn Cuschieri mmaltrattaha, f'okkazzjoni minnhom kienet illi ma hallietux ikollu x'jaqsam maghha sesswalment minhabba l-gravidanza avvanzatha taghha, fejn Richard Cuschieri tela' fuqha **u pprova jifgaghha** u hi skappat biss ghax girfitlu wiccu. **Charlone Cuschieri xehedet illi minkejja r-rapporti illi kien ghamel Louis Vella, kellha biss Pulizija fil-*ward* taghha, <u>in segwitu</u> ta' dan l-incident u mhux qabel.**

Ikkonsidrat:

Il-provi f'dan il-kaz juru b'mod abbastanza car, illi l-attakk ta' l-imputati fuq l-ahwa subien Cuschieri ma kienx wiehed ta' aggressjoni arbitrarja izda kienet kagunata minn twemmin da parti ta' l-imputati, illi l-familja Cuschieri, mmexxiha minn Richard Cuschieri, kienet inghaqdet bi skop ewlieni illi jaggredixxu lil ohthom Charlone u jaghmlu pressjoni fuqha sabiex hi ma tipprocedix kriminalment kontra zewgha, li kien diga' mcappas bil-Qorti. Illi l-iskop ewlieni ta' l-imputati kien illi jwaqqfu lil Richard Cuschieri primarjament u lil hutu s-subien milli jidhlu "jzuru" lil ohthom.

Illi l-isfond ta' dan il-kaz tragiku kien aktar imqanqal bil-fatt illi Louis Vella, **li mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, dwar is-swat gravi illi subiet ohtu,** gie nfurmat illi **ohtu kellha tigi taghmel ir-rapport personalment** l-

Ghassa u dana anke wara illi Louis Vella nfurmahom illi ohtu kienet l-isptar *with a threatened miscarriage.*.

Illi l-familja ta' Cuschieri, bit-tfajliet taghhom u ommhom, kollha xehedu illi huma kienu qeghdin hemmhekk biex izuru lil nannithom li kienet qeghedha bil-Grizma. Dan ma giex, b'xi mod, kontestat mid-Difiza. Illi pero' din il-Qorti, meta ezaminat ix-xhieda ta' l-ahwa Cuschieri fl-inkjesta, sabet diversi nkonsistenzi dwar il-fatt jekk l-ahwa Bettega, Causio u Robert, kienux jafu illi Charlone Cuschieri kienet qeghedha l-isptar bi griehi subiti minn idejn zewgha. Illi x-xhieda ta' Charlone Cuschieri turi sofferenza kbira u fuq medda ta' snin ta' mohqrija maritali, b'theddid, rikatt u swat kontinwi minn zewgha Richard Cuschieri li sabu l-apice taghhom fl-incident illi gara fil-Fuego fejn saq ghal fuqha u taha xebgha daqqiet ta' ponn fuq ghajnejha u zaqqha, tant illi spiccat gimgha l-isptar u bil-hajja tat-tarbija taghha fil-perikolu. L-imputati saru jafu b'dan, **<u>gurnata qabel l-incident,</u> meritu ta' l-akkuza, u bdew jaraw kif jaghmlu biex jagixxu bhala gwardji ta' ohthom fl-assenza ta' l-assistenti tal-Pulizija rikjesta minn Louis Vella.**

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, cittadin ta' temperament u intelligenza normali, seta' facilment jsib ruhu indott fl-istess zball li ghamlu l-ahwa Vella – u cioe li jikkonkludu illi l-prezenza massiva ta' l-ahwa Cuschieri fil-*canteen* ta' l-isptar kienet tfisser illi kienu lesti li jagredixxu lil ohthom Charlone li kienet wahedha, konfinata f'sodda, f'*ward* tan-nisa'.

Ix-xhieda f'dan il-process, illi inghatat b'mod dettaljat aktar 'il fuq, turi illi Matthew Vella, dak iz-zmien, minuri, aggredixxa lil Robert u Bettega Cuschieri, permezz ta' mus, liema mus fil-fatt gie elevat mill-Pulizija illi ntervjenew f'din il-glieda. Fil-fatt, kif il-Pulizija qieghed idejh fuq Matthew Vella (illi kellu daharu lejh) biex iwaqqfu, dan dahar fuqu u xejjirlu daqqa bis-sikkina fuq il-*collarbone*, b'rizultanzi ta' griehi ta' natura hafifa.

Illi ghal rigward ta' prezenza ta' armi u cioe skieken jew mwies jew ponnijiet tal-hadid, ix-xhieda ta' l-ahwa

Cuschieri hija fl-ahjar ipotezi inkonsistenti u in pessima ipotezi inveritiera ghall-ahhar. Dan qieghed jinghad il-ghaliex waqt li a fol.69 u fol.70, Richard Cuschieri jghid illi l-ahwa Cuschieri bdew jaghtu bil-ponn tal-hadid u bil-mus a fol.72, l-istess Richard Cuschieri jghid illi lil Charles Vella ma rah jaghmel xejn u illi l-ponn tal-hadid kien f'idejn Louis Vella waqt li Matthew Vella kellu ponn tal-hadid u mus. A fol.98, Bettega Cuschieri jikkontenda illi l-mus kien f'idejn Matthew u li Louis u Charles Vella kellhom ponn tal-hadid (vide fol.98). Imbaghad, mix-xhieda ta' Robert Cuschieri jirrizulta illi ra lil Matthew Vella bil-mus f'idejh, pero' ma ra ebda ponn tal-hadid f'idejn l-ahwa kollha (vide fol.113) izda ra mus f'idejn Louis u f'idejn Matthew (vide fol.123).

Ta' min isemmi illi Causio Cuschieri, li ma sofra ebda griehi, kkonferma (a fol.139) li Matthew Vella ma kellux ponn tal-hadid u baqa' jsostni illi ra lit-tlett (3) imputati b'mus kull wiehed f'idejhom (ara fol.141) minkejja li gie rinfaccat bix-xhieda tieghu ta' l-inkjesta, fejn xehed b'mod divers u ghalkemm kien ghadu kemm stqarr quddiem din il-Qorti illi *"Louis ma kellu xejn f'idejh,"* u li fix-xhieda ta' l-ikjesta, Causio jghid illi Charlie Vella ma kellux mus f'idejh.

Jeanette Cuschieri, Ritianne Micallef u Josephine Cuschieri, illi kienu kollha prezenti f'din il-glieda, **ma raw ebda arma f'idejn ebda wiehed mill-imputati** (ara xhieda minn fol.143 sa fol.154 et seq.)

Il-Qorti taghraf illi zewg mill-imputati (Matthew Vella u Charles Vella) gew arrestati in flagrante delicto u li t-tielet imputat (Louis Vella) gie arrestat fi zmien qasir hafna wara l-incident. L-unici "armi" illi gew elevati mix-xena ta' l-allegat delitt, kien mus elevat mill-Pulizija, **minn idejn l-imputat Matthew Vella** u *brace* tal-*chrome* illi deher illi kellu xi ticpis ahmar li gie misjub waqt tfittxija, mwettqa mill-Pulizija, fil-karozza ta' Louis Vella. Il-Qorti tippreciza illi x-xhieda forensika f'dan il-process huwa relevantissimu b'mod specjali ghal dak li jirrizulta mis-Surrologista Robert Cardona illi wettaq l-analizi tieghu fuq il-kampjuni tad-demm u *swabs* elevati mix-xena tad-delitt, inkluz *swabs*

tal-mus u tal-*wheel brace*. Jirrizulta minn pagna 21 tar-relazzjoni tas-Surrologista Cardona (Dok.RC**)**:

**"Illi fuq l-ezebit, cioe fuq il-*wheel brace*, immarkat fir-relazzjoni bhala l-ezebit 01, dan l-ezebit *"Inghata rizultat negattiv ghal prezenza ta' demm."***

Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-**ebda ponn tal-hadid ma nstab jew gie elevat mill-*canteen* ta' St. Luke's, jew mill-karozzi ta' Louis Vella.** Dan qieghed jigi sottolinjat fid-dawl tal-fatt illi l-Pulizija arrestaw lil Charles u Matthew Vella in fragrante delicto.

Il-akkuzi kif dedotti kontra l-imputati fic-citazzjoni gew mibdula b'mod sostanzjali permezz ta' l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali li jinstabu a fol.407, hekk per ezempju fl-ewwel akkuza fuq omicidju volontarju (ara citazzjoni) giet irtirata u minflok it-tlett imputati gew akkuzati b'feriti gravi jew attentat ta' feriti gravi ai termini ta' l-Artikolu 218(1)(a)(b) u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq l-ahwa Cuschieri. Artikolu 218(1)(a)(b) jipprovdi:

**218(1):** *"L-offiza gravi hija bil-prigunerija minn disa' xhur ta' disa' snin –*

*a) jekk tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh;*
*b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;*
*c) ommissis.*

Il-Qorti tippreciza illi mix-xhieda mghotija mill-ahwa Cuschieri johrog abbastanza car illi kien Louis Vella illi kien qed jiggieled ma' Richard Cuschieri li ssubixxa diversi lacerazzjonijiet f'rasu illi skond it-tobba tieghu jindikaw li gew maghmula minn strument li jaqta', liema griehi fuq l-*iscalp* ta' ras Richard Cuschieri gew klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa. Illi r-rapport komplessiv ta'

Dr. Robert Tonna, nominat minn din il-Qorti, jikkonferma illi l-griehi sofferti fil-qurriegha ta' ras Richard Cuschieri ma setghux jigu kklassifikati bhala *grievious* stante illi kienu kollha fil-qurriegha tar-ras inkorporati fil-*hairline* u li ma kien hemm ebda cikatrici fil-wicc jew fl-ghonq ta' Richard Cuschieri u li l-gerha zghira f'id Cuschieri ma halliet ebda cikatrici vizibli dokumentati. Il-gerha fuq il-maxxella ta' wicc Richard Cuschieri, li kienet tikkonsisti fi frattura ta' wahda mill-ghadam miz-zghar, giet ikklassifikata bhala gravi perdurata.

Il-griehi ta' Robert u Bettega Cuschieri gew inflitti minn Matthew Vella, permezz ta' mus u gew klassifikati mit-tobba relevanti (Dr. Andrew Mercieca u Dr.Malcolm Borg) bhala griehi ta' natura hafifa.

Di piu', l-griehi subiti minn PC 1093 James Cardona (Dok.JC) inflitti minn Matthew Vella wkoll gew klassifikati bhala *minor save complications*.

Illi jirrizulta li Charles Vella aggredixxa lil Robert Cuschieri billi tah daqqiet ta' ponn.

Di piu', x-xhieda ta' Dr. Livia Klembarova, tikkonferma illi l-griehi ta' Robert Cuschieri fiequ minghajr komplikazzjonijiet, l-istess jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Mercieca, fir-rigward ta' fejqan bla komplikazzjonijiet tal-griehi subiti minn Bettega Cuschieri.

Dawn huma l-griehi subiti mill-ahwa Cuschieri, b'identifikazzjoni ta' min, mit-tlett imputati, jirrizulta illi nfliggi dawn il-griehi.

Ghaldaqstant ghajr ghal frattura tal-maxxella fuq Richard Cuschieri inflitta minn Louis Vella (ikklassifikata bhala gravi perdurata), il-griehi ta' l-ahwa Robert u Bettega, u PC 1093, kienu griehi ta' natura hafifa kommessi permezz ta' strument li jaqta' bl-eccezzjoni tal-griehi nflitti minn Charles Vella.

L-imputati Vella huma mixlija, skond l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.407 u fol.408, bl-attentat ta' feriti

gravi fuq l-ahwa Cuschieri. Dan ir-reat, li huwa wiehed notevoli ghad-diffikulta' li jipprezenta ghal Prosekuzzjoni, jissussisti bil-prova ta' cirkostanzi li, mehud in konsiderazzjoni il-mezzi uzati mill-akkuzat u il-modus operandi tieghu, jaccerta lil gudikant li l-akkuzat kellu l-intenzjoni li jikkommetti offiza ta' natura ferm aktar gravi minn dik li fil-fatt wettaq:

*"Should these still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle "in dubbio pro reo" "will apply"* (vide Notes of Criminal Law – Professor Mamo a fol.237).

Illi ghal rigward tar-reat ta' attentat ta' feriti ta' natura gravi da parti ta' l-imputat Matthew Vella fuq Robert u Bettega Cuschieri, din il-Qorti ma tarax illi l-Prosekuzzjoni lahqet il-livell probatorju kif fuq spjegat, ghaliex il-griehi sofferti jindikaw lacerazzjoni wahda fuq kull wiehed mill-ahwa Cuschieri u cioe' fuq d-drieghi u fuq l-ispalla ta' kull wiehed minnhom. Ma hemmx prova ta' daqqiet ripetuti, ta' xi sahha tremenda tad-daqqa li giet riflessa fil-profondita' tal-gerha jew xi *self defence wounds* f'idejn Robert u Bettega Cuschieri li tinklina lil din il-Qorti biex temmen li dannu ferm aqwa minn dak li sehh, kien deziderat mill-imputat Matthew Vella. Di piu', m'hemmx xrara ta' evidenza li Matthew Vella agredixxa lil Richard Cuschieri b'xi mod.

L-istess ma jistghax jinghad pero' ghal sensiela ta' daqqiet li Louis Vella infligga fuq Richard Cuschieri. In-numri ta' lacerazzjonijiet subiti, l-entita' taghhom, il-mira ta' dawn il-griehi li ffukat fuq ir-ras ta' Richard Cuschieri iwassal il-Qorti ghal perswazzjoni u konkluzjoni, illi dannu ferm aktar gravi kien intiz mill-imputat Louis Vella.

Il-Qorti, pero', ma tistghax ma tasserix f'dan l-istadju, illi gia la darba il-Qorti gia stabbiliet il-feriti ta' natura gravi perdurata (bil-frattura ta' ghadma zghira tal-maxxella) kommessi mill-imputat Louis Vella fuq Richard Cuschieri, is-sejbien ta' htija ta' attentat ta' feriti gravi ma jaghmel ebda sens.

Ma jezistu ebda provi li Louis Vella aggredixxa lil Robert jew Bettega jew lil Causio Cuschieri.

Illi ghal rigward ta’ Charles Vella, il-provi juru palezament illi dan l-imputat ta daqtejn ta’ ponn “sew” lil Robert Cuschieri u ma uza ebda arma. Dawn il-provi ma jibbastawx ghas-sejbien ta’ htija ta’ attentat ta’ feriti gravi. Di piu’, ma hemm ebda provi li Charles Vella agredixxa lil xi wiehed iehor mill-ahwa Cuschieri, ghajr ghal Robert Cuschieri.

Il-Qorti, pero’, fl-isfond tal-provi kollha migjuba quddiema, trid tezaminha u tikkonsidra kemm-il darba dawn il-griehi sarux mill-imputati, in legittima difesa ta’ terz, u cioe ta’ ohthom Charlone Cuschieri.

Skond il-Ligi u l-Gurisprudenza Maltija, l-eccezzjoni ta’ legittima difeza, tista’ tigi invokata b’success ai termini ta’ l-Artikoli 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm-il darba l-akkuzat jipprova, *on a balance of probability*, illi l-azzjonijiet tieghu kienu “*imposed by actual necessity” of self-defence* tieghu nniffsu jew ta’ terz:

**“Kemm fid-dottrina, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, hu ormai stabbilit li biex wiehed jista’ jinvoka din l-iskriminanti, l-agressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta’ inevitabilita’ jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan jista’ b’mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jikkonfrontah, b’mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku.”** (vide **Pulizija vs. Augusto Auguliaro** App. Krim. decided on the 26th of August, 1998 per Chief Justice Dr. Vincent De Gaetano.)

Il-Qorti taqbel perfettament ma dak li rriteniet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali sa kemm dan jigi applikat ghal legittima difeza ta’ l-individwu nniffsu. Meta si tratta ta’ **legittima difeza ta’ terz**, l-element ta’ inevitabilita’ jrid jitqies fl-isfond tal-kapacita’ o meno tat-terz biex jiddefendi lilu

nnifsu u c-cirkostanzi kollha ezistenti li jxekklu lid-Difiza ta' dak it-terz.

L-element ta' inevitabilita' f'dan il-kaz ghalhekk jrid jitqies fl-isfond ta' mara ncinta f'qiegh ta' sodda fl-isptar izolata, projbita milli tahrab jew tinheba minhabba li kull moviment taghha jipperikola l-hajja tat-tarbija fil-guf u michuda mill-protezzjoni tal-Pulizija.

Illi din il-Qorti hija tal-fehema illi l-vulnerabilita' u l-immobilita' ta' Charlone u t-tarbija mhux imwielda, ir-retroxxena tal-griehi nflitti minn Richard Cuschieri fuq martu, tat-theddid kontinwu minn Richard Cuschieri fuq Charlone, anke waqt illi kienet qeghedha l-isptar, il-prezenza massiva, mbaghad, tal-familja Cuschieri, kollha kontribwew sabiex igieghelu lill-imputati jikkonkludu illi l-prezenza tal-familja Cuschieri fl-isptar, kienet tikkostitwixxi theddida serja, manifestament ingusta' u imminenti ghas-sigurta' u ghal hajja ta' ohthom Charlone Cuschieri u t-tarbija f'gufha, li l-hajja taghha kienet ga' pperikolata minn min kellu d-dover li jipprotegiha.

Il-gharfien mbaghad tax-xeba li Richard Cuschieri kien ta lil missier l-ahwa Vella, ragel avanzat fl-eta' u f'*wheelchair*, u l-fatt li l-ahwa Cuschieri kienu renomati li **jinghaqdu biss** meta jkun hemm xi glieda, ghandhom jinghataw wkoll il-piz li jisthoqqilhom biex gudikant iqis il-kuncett ta' agir impost "by actual necessity."

Il-Qorti tqis illi c-cahda da parti tal-Pulizija ghal protezzjoni u assistenza ghal Charlone minkejja l-insistenza ripetuta ta' Louis Vella hija l-fattur ewlieni li jxxaqleb il-bilanc u jwassal lil Qorti tikkonkludi, illi l-agir ta' l-imputati kien impost minn necessita' attwali ghad-difiza ta' Charlone u t-tarbija mhux mwielda taghha.

Konsiderazzjoni ohra li ssegwi minn dan, u ghad irid jigi ezaminat, huwa jekk l-agir ta' l-imputat kienx proporzjonat ghal theddid kif percepita mill-imputati u ghal dan il-ghan il-Qorti trid tevalwa l-provi dwar il-prezenza o meno ta' l-armi f'dan il-kaz.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-imputati kienu armati b'ponnijiet tal-hadid, u provi l'hinn minn dubbju dettat mir-raguni juru li Matthew Vella kellu fil-pussess tieghu mus u li uzah fuq Robert Cuschieri, Bettega Cuschieri u PC 1093. Ghalkemm il-provi prodotti mill-familja Cuschieri, dwar l-uzu ta' mus mill-imputat Louis Vella huma konfliggenti, il-provi tat-tobba li ezaminaw lil Richard Cuschieri juru kjarament illi l-griehi tieghu saru permezz ta' strument li jaqta'.

L-uzu ta' l-imwies da parti ta' Louis Vella u Matthew Vella, fil-fehema ta' din il-Qorti, jistabbilixxu bhala stat ta' fatt illi dawn l-imputati eccedew il-limitu ta' legittima difeza ta' terz. Il-Qorti taghraf illi l-fatti spece tal-kaz ma jehlisx addirittura lill-imputati Matthew u Louis Vella ghaliex ma gewx provati l-estremitajiet ta' hasda, bizgha jew twerwir li jiskuza anki l-eccess tal-legittima difeza ai terminu tal-*proviso* tal-Artikolu 227(d).

Milqugha l-eccezzjoni ta' legittima difeza ta' terz, u stabbilit l-eccess tal-legittima difeza, il-legislatur Malti, permezz ta' Artikoli 223, 227(d) u 233 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirriduci l-piena ghal ferita gravi ghal mhux aktar minn terz tal-piena stabbilita ghal delitt minghajr skuza (cioe mhux aktar minn terz ta' tlett (3) snin prigunerija) ghal piena ta' prigunerija ta' xaharejn meta offiza gravi tigi nflitta permezz ta' arma; ma tinghata ebda piena ghal feriti ta' natura hafifa minghajr uzu ta' arma.

L-imputati Vella jinsabu mixlija bir-reat ta' hsara volontarja fil-*canteen* ta' l-isptar San Luqa a dannu ta' Salvu Borg. L-atti processwali pero' juru storja diversa. Borg xehed fl-inkjesta u quddiem il-Qorti u ddikjara li l-propjeta' tieghu ma soffriet ebda dannu materjali.

M'hemm dubbju ta' xejn pero' illi Matthew u Louis Vella kellhom fil-pussess taghhom mus minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija kif m'hemmx dubbju li jissussisti l-ghajjat u glied f'post pubbliku b'referenza ghat-tlett (3) imputati.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq l-akkuzi elenkati fl-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, issib lill-imputat **Louis Vella** mhux hati ta' akkuza (a) u cioe ta' akkuzi ta' feriti gravissimi; izda hati ta' ferita gravi perdurata fuq Richard Cuschieri; mhux hati ta' akkuzi (b), (c), (d), (e), (f), (h) u (j), li minnhom tilliberah; hati ta' akkuzi (g) u (i) u wara li rat Artikoli 216(1)(d), 217, 223, 338(dd), 227(d), 230(d), 233(1)(a), 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn**.

Issib lill-imputat **Matthew Vella** mhux hati ta' akkuzi (a), (b), (d), (f) u (j), li minnhom tilliberah; hati ta' akkuzi (c), (e), (g), (h), (i) u (k) u wara li rat Artikoli 214, 221, 338(dd), 95, 533, 223, 227(d), 230(d), 233(1)(b), 37, 28A, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u tordna li jhallas l-ispejjez ta' Dr. Tonna inkorsi f'din il-kompilazzjoni.**

Issib lill-imputat **Carmel Vella** mhux hati ta' akkuzi (a), (b), (d), (e), (f), (g), (h) u (j) li minnhom tilliberah; hati ta' akkuzi (c) u (i) u wara li rat Artikoli 214, 221, 223, 227(d), 230(d), 233(2), 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li l-imputat ma ghandu jinghata ebda piena ghar-reat ta' griehi ta' natura hafifa u s-sentenza sospiza datata 28 ta' Frar 2002 ghandha tigi estiza ghal sena ohra mid-data tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------